KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

# MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54

Data tal-laqgħa: 31 ta' Mejju, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022 fl-4.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fl-4.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**54/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**54/01/01** Ma kienx hemm.

**54/02** **Unur Excelsior**

**54/02/01** Is-Sindku qalet li ma taqbilx li għandu jeħodha kull Kunsillier għax mhux kulħadd għamel l-istess ammont ta' żmien. Is-Sa. Helene Gauci ipproponiet lis-Sur Neil Agius, lis-Sur Victor Fenech, lis-Sur Jesmond Aquilina, lis-Sur Martin Gauci u lis-Sa.Teresa Gauci. Is-Sa. Marilena Hassan ipproponiet żewġ persuni lis-Sur Simon Aquilina u lis-Sur Joseph Vella. Is-Sur Abraham Aquilina qal li peress li din is-sena ser niċċelebraw 250 sena statwa ta' San Bartilmew fostna, issuġġerixxa li bħala Kunsill nidentifikaw individwu minn kull għaqda. Is-Sur Christopher Fenech qal li jaqbel mija fil-mija imma minflok nidentifikaw individwu minn kull għaqda, nagħtu rikonoxximent lil għaqda nnifisha. Is-Sur Fenech qal li għandu jkun hemm kategorija 'Ġieħ il-Għargħur' u kategorija 'Rikonoxximent'. Is-Sur Fenech żied lis-Sur Mario Gauci mal-lista. Barra minn hekk, qal li għandu jkun hemm kategorija oħra 'Rikonoxximent lil persuni li sfortunatament ma għadhomx magħna' hu ssuġġerixxa lis-Sinjorina Julie Bezzina. Is-Sur Fenech ippropona li l-attivita' tkun twila madwar siegħa /siegħa u nofs u ssir ġo kappella u nikru projector. Is-Sur Carl Grech ippropona żewġ individwi lis-Sur Alfred Muscat u lis-Sur Manuel Bezzina.

**54/02/02** Finalment kien hemm qbil unanimu li Unur Excelsior jingħata lil
Sur Mario Gauci – Is-Sur Gauci dam 21 sena bħala Sindku u 4 snin bħala Viċi-Sindku.
Sur Jesmond Aquilina – Is-Sur Aquilina ilu 37 sena Sagristan u 22 sena President tal-Banda.
Sur Victor Fenech – Is-Sur Fenech għamel xogħol volontarju fl-injam fil-knisja parrokkjali.
Sur Joseph Vella – Is-Sur Vella attiv sew fl-Għaqda tal-Armar.
Sur Manuel Bezzina – Is-Sur Bezzina benefattur, eks-President tal-Banda, eks-kunsillier, President Onorarju tal-Banda u President Onorarju tal-Għaqda tan-Nar.

Sur Martin Gauci – Is-Sur Gauci mmexxi b'ħeġġa kbira l-Għaqda teatrali Dwal Ġodda.
Sur Isaac Aquilina – Is-Sur Aquilina ġabar l-istorja tal-Għaqda tan-Nar San Bartilmew fi ktieb.

Kien hemm qbil unanimu li jingħata rikonoxximent lis-Sa. Teresa Gauci, lis-Sur Neil Agius, lill-Għaqdiet kollha tar-raħal, lis-Sur Dennis Lyons, lis-Sur Raymond Aquilina, lis-Sur George Zarb, lis-Sur Bertu D'Amato, lis-Sur Karmnu Sant, lis-Sur Ronnie Gauci u lis-Sur John Mary Bezzina.

Kien hemm qbil unanimu li jingħata rikonoxximent lil 3 persuni li sfortunatament ma għadhomx magħna lis-Sna. Julie Bezzina, lis-Sur Ninu Gauci u lis-Sur Joe Zarb.

**54/02/03** Il-Kunsill qabel unanimament li tippreżenta din l-attivita' is-Sa. Carmen Grech. Ser jinħarġu inviti uffiċjali. L-attivita' ħa ssir fil-Knisja parrokkjali u wara ħa jkun hemm bibita fil-Każin tal-Banda. Il-persuni li ser jieħdu Unur Excelsior jew rikonoxximent ser jingħataw tifkira u ċertifikat tal-okkażjoni. Waqt din l-attivita' ser ikun hemm persuna idoqq l-arpa u fotografu uffiċjali. Din l-attivita' ħa ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Lvant.

**54/03** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**54/03/01** Il-laqgħa spiċċat fil-5:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2022 fil-5:30p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**